## Xi drittijiet ikolli jekk nitlaq mid-dar?

Jekk titlaq mid-dar minħabba raġunijiet validi, per eżempju minħabba xi riskju għalik u għat-tfal tiegħek, ma titlef l-ebda dritt fuq il-propjetà. Però, dejjem għandek tibda' billi tinforma lill-pulizija u tgħid x'inhuma r-raġunijiet li ġiegħluk titlaq mid-dar matrimonjali. Tista' wkoll tagħmel rapport biex tmexxi l-każ quddiem il-Qorti.

Jekk għandek social worker, preferibbilment tinformah/a jekk ser tippjana li titlaq mid-dar. Hu importanti li jkollok id-dokumenti personali tiegħek, affarijiet personali ta' valur, ħwejjeġ u neċessitajiet oħra għalik u għat-tfal. F'każ li s-sitwazzjoni ma tippermettix li toqgħod tippjana t-tluq tiegħek mid-dar, l-aktar ħaġa importanti għandha tkun is-sigurtà tiegħek u tat-tfal. Meta tħossok sikura biżżejjed, importanti li tavża lill-pulizija bis-sitwazzjoni bħal ma hawm imsemmi hawn fuq.

## X'jiġri mit-tfal tiegħi?

L-aħjar sitwazzjoni għat-tfal hi meta l-ġenituri jifthiemu bejniethom. Meta ma jkunx possibli li jintlaħaq ftehim, parti mill-koppja jkollha titlob lill-Qorti biex tittieħed deċiżjoni dwar il-futur tat-tfal. L-interessi tat-tfal jitqiegħdu dejjem l-ewwel.



## X'jiġri mill-aggressur?

Meta l-pulizija jaslilha rapport ta' vjolenza domestika, din issejjaħ lill-partijiet konċernati u jkun hemm smiegħ ta' dawn il-partijiet. Ladarba jsir rapport lill-pulizija, dawn huma obbligati li jmexxu l-każ quddiem il-Qorti.



## X'jiġri jekk jien, bħala l-vittma, immur għas-servizzi soċjali biss?

Jekk tirreferi għas-servizzi soċjali tal-Aġenzija Appoġġ, social worker mis-servizz tal-Vjolenza Domestika tieħu l-każ tiegħek f'idejha u tagħtik l-appoġġ meħtieġ, kemm biex tipproteġi lilek innfisek mill-vjolenza kif ukoll tiggwidak biex tibni pjan għal futur aħjar għalik u għal uliedek.

## Kif tista' tgħini fl-aspett legali l-Aġenzija Appoġġ?

Jekk bħala l-vittma ta' abbuż ikollok bżonn xi għajnuna legali kemm dwar id-drittijiet tiegħek kif ukoll jekk tkun trid tmexxi l-każ tiegħek quddiem il-Qorti, l-Aġenzija Appoġġ toffrilek laqgħa ta' konsultazzjoni mingħajr ħlas mal-avukati tagħha. Dawn jiggwidawk fuq x'tista' tagħmel skont il-każ. Wara din il-laqgħa, jekk il-vittma tiddeċiedi li tmexxi bil-Qorti, ikollha bżonn tqabbad l-Avukat tagħha.

Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Aġenzija APPOĠĠ
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

sedqa

Aġenzija SEDQA
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

sapport

Aġenzija SAPPORT
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt



# L-Att dwar il-Vjolenza Domestika

## Drittijiet tal-vittma skont il-liġi dwar il-Vjolenza Domestika

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## X'inhi vjolenza domestika?

Vjolenza domestika hi:

- Att ta' vjolenza minn persuna fuq persuna oħra li jgħixu fl-istess dar, eżempju: bejn il-koppja; bejn il-ġenituri u tfal; kif ukoll koppji li formalment huma jew kienu għarajjes. Atti vjolenti bejn adulti li m'għadhomx flimkien bħala koppja, kemm jekk għandhom tfal bejniethom jew le, kif ukoll fuq trabi li għadhom ma twildux jitqiesu wkoll bħala vjolenza domestika.
- Kull att ta' vjolenza, inkluż:
  - abbuż emozzjonali
  - abbuż fiżiku
  - abbuż sesswali
  - abbuż finanzjarju
- Żamma kontra l-volontà tal-persuna
- Fastidju u 'stalking'







## Mistoqsijiet komuni:

### Xi drittijiet għandi bħala vittma?

L-ebda persuna, minuri jew adulta m'għandha tkun suġġetta għal abbuż. L-abbuż taħt l-ebda ċirkustanzi mhu aċċettabbli u lanqas ġustifikat. Kull persuna għandha d-dritt li tgħix ħajja sikura mingħajr abbuż. Il-vjolenza domestika tikser dan id-dritt. Vittma ta' vjolenza domestika tista' tfittex l-għajnuna soċjali, psikoloġika u legali, tirrapporta l-abbuż u titlob għal protezzjoni mill-persuna abbużiva.




### Fejn nista' nirrikorri għal din l-għajnuna?

Jekk għandek bżonn informazzjoni u/jew għajnuna rigward abbuż, għandek kemm għandek żmien, tista' ċċempel fuq Supportline 179 tal-Aġenzija Appoġġ u minn hemm tiġi ggwidata skont il-ħtiġijiet tiegħek. Tista' wkoll iċċempel lill-Appoġġ fuq 2295 9000 u ssaqsi għat-taqsima tal-Vjolenza Domestika. Dawn is-servizzi huma mingħajr ħlas. Numru ieħor importanti fejn tista' ċċempel hu l-kwartieri tal-Pulizija fuq 2122 4001.

### X'passi nista' nieħu?

Vittma ta' abbuż, f'dan il-każ ta' vittma ta' vjolenza domestika, tista tirrapporta lill-agressur tagħha lill-Pulizija u tipproċedi b'azzjoni legali. Amenda importanti fil-liġi dwar il-vjolenza domestika issa tippermetti lil persuni oħra minbarra l-vittma (bħal familjari, ħbieb, ġirien, professjonisti u kollegi) biex jagħmlu rapport dwar l-abbuż lill-pulizija. B'dan ir-rapport biss, il-pulizija issa jistgħu jaqbdu u jmexxu l-każ 'ex-ufficio', jiġifieri anke fejn hemm allegazzjonijiet jew rapporti minn terzi persuni u mhux neċessarjament jistennew li l-vittma tagħmel ir-rapport.

## Kif tipproteġini l-liġi?

Waħda mill-affarijiet li tippermettilek il-liġi bħala l-vittma hi li ssir **Ordni tat-Trażżin**, jew garanzija (Restraining Order) kontra l-aggressur. Dan iseħħ għas-sigurtà tal-vittma, biex tinżamm l-ordni pubblika u biex il-vittma u persuni oħra jkunu protetti minn biża' ta' mġiba aggressiva.

Permezz tal-garanzija, l-aggressur ma jkunx jista' jersaq qrib tal-vittma. Dan ikun jgħodd kemm għar-residenza, post tax-xogħol jew post ieħor li tiffrekwenta l-vittma. Il-garanzija tipprojbixxi wkoll kull kuntatt min-naħa tal-aggressur lejn il-vittma jew persuni oħra involuti. Garanzija normalment tibqa' tgħodd għal mhux aktar minn tliet snin, jew skont kif tordna l-Qorti.

Simili għal Restraining Order insibu wkoll l-**Ordni ta' Protezzjoni** (Protection Order), bid-differenza li l-Qorti f'dan il-każ tista' timponi kull restrizzjoni li tara meħtieġa għall-protezzjoni tal-vittmi, inkluż li tordna lill-agressur biex jitlaq mid-dar għal perjodu stipulat.

**Ordni ta' Trattament** (Treatment Order) hi meta l-allegat agressur jinstab ħati, il-Qorti tista' tordnalu biex jirċievi trattament skont il-ħtieġa, minn sptar jew aġenzija fuq bażi residenzjali jew fuq livell komunitarju. Ordni ta' Trattament tista' tingħata mill-Qorti anke mingħajr il-kunsens tal-ħati.

**Ordni ta' Restrizzjoni** (Restriction Order) tfisser meta l-aggressur ikun ordnat ma jersaqx u ma jagħmilx kuntatt mal-vittma anke wara li jkunu spiċċaw il-proċeduri fil-Qorti.



